**Qorti tal-Magistrati (Għawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, l-Erbgħa, 24 ta' Ġunju 2020**

**Rikors Guramentat numru:- 115/2015 BS**

**Kunsill Lokali Victoria**

**vs**

**Gatt Asphalting Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn Miriam Attard bhala Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill Lokali Victoria ppremettiet:

1. *Illi f'Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997), is-socjeta' intimata Gatt Asphalting Ltd ipprezentat offerta lill-Kunsill Lokali tal-Belt Vittoria sabiex l-istess socjeta' intimata taghmel xoghlijiet fi Triq it-tmienja (8) ta' Dicembru, Victoria, Ghawdex.*

2. *Illi tali offerta kienet regolata bil-kundizzjonijiet tas-sejha ghal din l-offerta, liema kundizzjonijiet qed jigu hawn annessi bhala Dok A.*

3. *Illi fost il-varji kondizzjonijiet governanti tali offerta, il-kundizzjoni numru tlieta u ghoxrin (23), kienet tistipola illi l-kuntrattur kellu b'mod shih u effettiv u fi zmien sebat ijiem mit-talba ghal dak il-hlas jindennizza lill-Kunsill Lokali kontra kull danni, spejjez, telf, talbiet jew proceduri li johorgu minn, jew matul, jew minhabba l-kuntratt li ghalih il-Kuntrattur hu legalment responsabbli.*

4. *Illi l-offerta maghmula mis-socjeta' intimata giet maghzula bhala l-offerta vantaggjuza u ghalhekk, l-istess socjeta' intimata bdiet tezegwixxi l-appalt hekk moghti lilha.*

5. *Illi waqt li kienu qed isiru dawn ix-xoghlijiet fl-imsemmija triq, precizament fis-sittax (16) ta' April elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), sehh incident fejn sofra griehi certu George Grech.*

6. *Illi l-istess George Grech ipproceda flimkien ma' martu kontra l-Kunsill lokali esponenti u Gatt Asphalting Ltd (fost konvenuti ohra) sabiex jigi kkumpensat ghad-danni li allegatament sofra u dana permezz ta' kawza bin-numru 213/1998.*

7. *Illi din il-kawza giet definittivament deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009), fejn gie dikjarat li (a) l-attur kellu tort ta' terz ghall-akkadut; (b) id-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal hmistax-il elf u erbgha u disghin Ewro u erbgha u tletin Ewro centezmu (EUR 15,094.34c); (c) dawn id-danni kellhom jithallsu mill-Kunsill Lokali esponenti u mis-socjeta' intimata Gatt Asphalting Ltd in solidum bejniethom; u (d) l-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom jigu sopportati in kwantu ghal terz minn George Grech u martu u ghal zewg terzi mill-Kunsill Lokali esponenti u mis-socjeta' intimata Gatt Asphalting Ltd (dok B).*

8. *Illi in segwitu ghal din id-decizjoni, gie pprezentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 227/2009 kontra l-istess Kunsill Lokali esponenti u Gatt Asphalting Limited. (Dok C).*

9. *Illi sussegwentement, il-Kunsill Lokali esponenti hallas wahdu u fl-intier is-sorte hekk likwidat mill-Qorti flimkien ma' zewg terzi mill-ispejjez legali u l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fuq imsemmi. In fatti, sal-prezentata ta' din il-kawza, l-esponenti hallas total ta' dsatax-il elf u erba' mija u hdax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu ta' Ewro (EUR19411.59c), hekk kif jirrizulta mill-annessi dokumenti D, E u F.*

10. *Illi wara li sar dan il-hlas, il-Kunsill Lokali esponenti nterpella lil Gatt Asphalting Limited sabiex tindennizzah fl-ammont ta' dsatax-il elf u erba' mija u hdax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu ta' Ewro (EUR19411.59c) u dana peress li a tenur tal-kundizzjoni numru tlieta u ghoxrin (23) tar-regolament tas-sejha ghall-offerti relattiva, kien hemm imnizzel espressament li l-istess socjeta' intimata kellha responsabbilita' assoluta konnessa ma' dan l-appalt u per konsegwenza kellha tindennizza lill-*

*Kunsill Lokali esponenti kontra kull danni, spejjez u telf li jsofri konsegwenza ta' l-istess.*

11. *Illi minkejja tali interpellazzjoni, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ma hallset l-ebda parti mill-ammont fuq imsemmi.*

12. *Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artiklu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti li jithallas id-dejn dovut mill-intimata li hu dejn cert, likwidu u dovut permezz tal-proceduri sommarju specjali, u dan għaliex fil-fehma tar-rikorrenti l-intimati m'ghandhomx difiza xi jressqu kontra t-talbiet ghall-hlas.*

*Talab li din l-Onorabbli Qorti:*

I. *Tisma' u tiddeciedi skont it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili,*

II. *Tiddikjara li s-socjeta' intimata ghandha tindennizza lill-esponenti s-somma ta' dsatax-il elf u erba' mija u hdax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu ta' Ewro (EUR19411.59c) flimkien ma' l-imghax dekors mid-data li fih thallset din is-somma sad-data tal-pagament ta' l-indenniz relattiv;*

III. *Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas dan l-ammont hekk mitlub.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentati u bl-imghax legali mid-data ta' meta sar il-hlas effettiv ta' din is-somma, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

*Ir-rikorrenti rriservaw kwalunkwe rimedju u dritt iehor spettanti lilhom kuntratt u l-ligi.*

**Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' Gatt Asphalting Limited fejn Raymond Gatt iddikjara**:

1. *Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni u l-kompetenza li tisma' u tiddeciedi dina l-pendenza u dan ghaliex skont l-paragrafu 40 intitolat bhala "Decizjoni ta' Kwistjonijiet fil-Kundizzjonijiet" tas-Sejha tal-Offerti li jinsabu fid-dokument "A" ipprezentat mill-istess*

*Kunsill Lokali Victoria, huwa car li fejn hemm kwistjonijiet jew differenzi bejn il-partijiet relattivi ghal dik is-Sejha dawn ghandhom ikunu decizi taht ir-Regoli u l-Proceduri ta' l-Arbitragg stabbiliti bil-ligijiet ta' Malta u ghalhekk dina l-Qorti ghandha tiddeciedi dina l-eccezzjoni preliminarji bl-ispejjez kontra l-istess Kunsill Lokali attur;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u l-ammont speciku ta' dsatax-il elf u erba mija u hdax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu (EUR19,411.59) mitlub mill-Kunsill Lokali fir-rikors guramentat mhuwiex dovut u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba kif maghmula bl-ispejjez kontra l-istess Kunsill Lokali attur;*

3. *Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' intimata ma ghandiex thallas ghad-danni sofferti minn terzi galadarba dan kien rizultat ta' delitt jew kwazi-delitt u mhux minhabba xi nuqqas kontrattwali da parti taghha u ghalhekk t-talba kif imposta da parti tal-Kunsill Lokali ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess Kunsill;*

4. *Illi inoltre u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga' gie espost aktar 'il fuq, il-Kunsill Lokali Victoria naqas fl-obbligi tieghu skont is-Sejha tal-Offerti li jaghmel referenza ghaliha l-istess Kunsill u allura s-socjeta' intimata, jekk ghandha xi responsabbilita' ghall-akkadut, dan ghandu jigi stabbiliet fid-dawl tal-istess kundizzjonijiet li jinsabu fid-dokument shih relattiv ghas-Sejha tal-Offerti li ghalih saret referenza mill-istess Kunsill Lokali Victoria;*

5. *Salv ragunijiet ohra.*

Rat illi din il-kawza giet institwita fl-2012 u nstemghet fil-maggor parti taghha minn din il-Qorti kif diversement ippreseduta u giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment preseduta f'Gunju 2019.

Rat ix-xhieda kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti fl-atti.

Rat illi l-partijiet issottmettew in-nota ta' osservazzjonijiet taghhom.

Gharblet il-provi kollha li tressqu quddiemha kif ukoll in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**IKKUNSIDRAT**

**Talba u Difiza.**

L-attur, il-Kunsill Lokali tar-Rabat Ghawdex fetah din il-kawza kontra l-intimata socjeta' Gatt Asphalting Limited ghax qed jippretendi illi l-intimata thallsu s-somma ta' dsatax –il elf erba' mija u hdax–il ewro u disgha u hamsin centezmu (€19, 411.59) flimkien ma' l-imghax mid-data minn meta thallset din l-istess somma sad-data ta' l-effettiv pagament. Dan l-ammont thallas wara li kien hemm sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) [1] li giet ikkonfermata fl-Appell[2]. L-attur ipprezenta diversi argumenti in sostenn tat-talba tieghu.

Is-Socjeta' konvenuta, minn naha l-ohra tilqa' ghal dan billi targumenta illi fl-ewwel lok il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni stante l-klawsola illi tipprovdi li meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet il-kwestjoni ghandha tigi deciza taht ir-regoli u procedura ta' l-Arbitragg. Tghid ukoll illi l-ammont ma hux dovut. Tishaq illi l-ammont jirrapprezenta danni illi ma grawx tort ta' xi nuqqas kontrattwali da parti taghha. Issostni illi l-Kunsill attur naqas mill-obbligi tieghu u dan skont is-sejha ta' l-offerti, u ghalhekk jekk il-konvenuta ghandha xi responsabbilita' din ghandha tigi stabbilita skont il-kundizzjonijiet illi jinsabu fis-Sejha ghall-Offerti.

L-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta giet trattata mill-partijiet u nghatat sentenza in parte fl-24 ta' Settembru, 2013, fejn din l-istess eccezzjoni giet michuda.

**PROVI.**

**IX-XHIEDA.**

[1] George u Miriam konjugi Grech vs Direttur tat-Toroq et, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, 6 ta' Frar, 2006.
[2] Appell Civili 26 ta' Gunju 2009.

Fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013[3], xehdet **Dr. Georgine Schembri**, fejn ikkonfermat illi hija kienet thallset mill-Kunsill attur id-dritt kollu dovut lilha skont it-taxxa ufficjali rilaxxata mill-Qorti.

**Miriam Attard**, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali xehdet[4] illi hija bdiet tahdem mall-Kunsill attur sa mill-2000. Mid-dokumenti illi rintraccat setghet tikkonferma illi fl-1997 harget sejha ghall- offerti sabiex Triq it-8 ta' Dicembru tinghata t-Tarmac. Tghid illi l-incident illi kien involut fih George Grech sehh 1998, u huwa ghamel kawza kontra l-partijiet fil-kawza odjerna fost l-ohrajn. Ikkonfermat illi "*sar appell il-Qorti ta' Malta fejn l-istess Qorti iddecidiet li l-ispejjez ghandhom jigu beared minn terz minn Gorg Grech u l-bqija minn Gatt Asphalting u l-Kunsill.*"[5]

Tkompli tghid illi s-socjeta' konvenuta ma hallset xejn u lanqas il-Kunsill, izda imbaghad George Grech ghamel mandat ta' sekwestru u l-Kunsill hallas is-somma kollha hu. Tispjega illi skont il-Kunsill "*...kellu jhallas il-kuntrattur peress li fil-general conditions hemm miktub li spejjez ohra jew safety fit-triq ried jiehu hsiebha l-kuntattur stess.*"[6]

Tkompli li "*...l-Kunsill jidhirlu li ma ghandux ihallas xejn fuq incident li speci gie kkawzat mhux tort tal-Kunsill.*"

In kontro ezami[7] ikkonfermat illi l-Kunsill Lokali kien instab responsabbli mill-incident. Ikkonfermat ukoll illi s-socjeta' konvenuta thallset tax-xoghol kollu illi kienet ghamlet fi Triq 8 ta' Dicembru u giet anke rilaxxata l-garanzija bankarja[8].

Xehed **George Grech**[9] u kkonferma illi huwa kien ircieva pagament mill-Gvern ta' Malta ghas-somma ta' tlettax–il elf, tliet mija u hamsa u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€13,365.85).

Xehdet **Dr. Mary Debono Borg**[10] fejn qalet li kienet giet pprezentata cedola bin-numru 314/2009 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 227/2009. L-ammont depozitat kien ta' tlettax–il elf, tliet mija u hamsa u sittin ewro u

[3] A fol 125 tal-process
[4] A fol 127 tal-process
[5] A fol 128 tal-process
[6] A fol. 128 tal-process
[7] A fol 198 u 291 tal-process
[8] A fol 365 tal-process
[9] A fol 161 tal-process
[10] A fol 164 tal-process

hamsa u tmenin centezmu (€13,365.85), liema ammont gie zbankat minn George Grech. Din ix-xhud ikkonfermat illi s-sekwestrat kien il-Kunsill Lokali Victoria, l-attur fil-kawza odjerna.

Xehed ukoll **Mario Gatt** in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. Dan ix-xhud ikkonferma illi s-socjeta' Gatt Asphalting inghatat kuntratt mill-Kunsill attur sabiex taghmel "*xoghlijiet ta sweeping, supply and spray of top coat u wicc tarmac*" . Dan il-kuntratt kien igib id-data 12 ta' Frar, 1999. Jghid illi mal-hin il-Kunsill beda jitlob ghal xoghol addizzjonali, liema xoghol sar izda l-kuntratt ma giex emendat biex ikopri dawn iz-zidiet. Jafferma illi "*Il-hlasijiet saru kollha, fil-fatt fuq dik il-karta li ghadna kemm ipprezentajna hemm li certified by il-perit tal-kunsill u thallasna ta' kollox.*"[11]

Aktar tard in kontro ezami mistoqsi:

" **L-Avukat Dottor Georgine Schembri**:
*Il-Kunsill nghid sewwa illi dejjem kien car maghkom illi jipprtendi minn ghandkom il-hlas kollu illi ghamel fuq dan l-incident mentri intom la hallsatu l-one third (1/3) jew kemm hu li kellkom thallsu skont is-sentenza u lanqas qed thallsu, lanqas hallsatu l-kumplament li l-kunsill qed jitlobkom a bazi tat-tender conditions.*

**Ix-Xhud**:
*Imma ghax il-Kunsill qed jitlob l-ammont kollu, qed jippretendi li jithallas l-ammont kollu meta fis-sentenza ta' l-Appell hemm li parti minnhom irid ihallashom il-kunsill u parti minnhom ahna. Ahna sa hemmhekk.*"[12]

**IKKUNSIDRAT.**

Mill-atti jirrizulta din is-sekwenza ta' fatti: Fl-1999 is-socjeta' konvenuta rebhet tender mahruga wara sejha mill-Kunsill attur biex taghmel xoghlijiet fit-Triq 8 ta' Dicembru. Sfortunatament sehh incident tat-traffiku fl-istess triq u wegga' George Grech. Dan ta' l-ahhar fetah kawza illi sabet lill-partijiet f'din il-kawza it-tnejn, solidament responasbbli ghad-danni. Kien hemm appell u l-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet illi terz mill-htija kienet ta' George Grech u z-zewg terzi l-ohra ammontanti ghal hmistax–il elf u erbgha u disghin ewro u tletin centezmu (€15,094.30)

[11] A fol. 372 tal-process
[12] A fol 375 tal-process

kienu responsabbli *in solidum* ghalihom il-partijiet f'din il-kawza. Jirrizulta illi bis-sahha ta' mandat ta' sekewstru[13], mahrug fuq talba ta' George Grech, allura sekwestrant, kontra l-partijiet li issa saru sekwestrati, il-Kunsill Lokali ddepozita gudizzjarjament l-ammont ta' tlettax–il elf sitta mija hamsa u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€13,665.85) , liema ammont gie zbankat mill-imsemmi George Grech. Il-Kunsill issa qed jippretendi li s-socjeta' konvenuta tirrifondih l-ammont kollu li hallas sal-prezentata tal-kawza odjerna ghax skont hu l-klawsola 23 tal-kundizzjonijiet generali jobbligaw lis-socjeta' konvenuta illi tindenizza lill-kunsill dawn l-ispejjez.

Klawsola 23 tghid hekk :

*"23. **Responsabbilita tal-Kuntrattur**.*

*(a) Il-Kuntrattur ghandu b'mod shih u effettiv u fi zmien sebat ijiem mit-talba ghal dak il-hlas jindenizza lill-Kunsill Lokali kontra kull danni, spejjez, telf, talbiet jew prodecuri li johorgu minn, jew matul, jew minhabba l-Kuntratt li ghalih il-Kuntrattur hu legalment responsabbli.*
*(b) Il-Kuntrattur ghandu jkun responsabbli ghall-hlas ta' kull licenzja, permess eskluzi permessi migjuba mill-Kunsill taht l-Artikolu 8(a) jew assigurazzjoni mehtiega ghat-twettiq tal-Kuntratt."*

Fil-fehma tal-Qorti s-subklawsola illi hija ta' interess ghal din il-kawza hija (a) billi l-Kunsill, a bazi ta' din is-subklawsola jargumenta illi l-konvenut ghandu l-obbligu illi jhallas l-ammont dovut. Il-frazi illi hija l-muftieh ta' din is-subklawsola hija **"...l-kuntratt li ghalih il-Kuntrattur hu legalment responsabbli**". Ir-referenza hawnhekk hija ghall-kuntratt u l-Qorti fliet b'attenzjoni d-dokumenti esebiti mill-Kunsill attur minn a fol 295 sa a fol.328.

Jirrizulta illi ebda dokument minn dawk esebiti ma fih klawsola illi permezz taghha l-Kunsill attur assenja jew ittrasferixxa l-obbligi kollha tieghu lill-kuntrattur. Huwa ben car illi fil-kuntratt kull parti ggorr il-piz tar-responsabbilita' taghha u dak kollu illi jsegwi minn tali responsabbilita'. Fin-nota ta sottomissjonijiet il-Kunsill attur jirreferi

[13] A fol. 72 tal-process

ghall-klawsola 21 tal-kuntratt u skontu l-istess kuntrattur irid jindennizza lill-Kunsill ghal kull inkonvenjent u hsara jew disturb. Ikompli jislet l-argument illi ghalhekk il-kuntrattur irid ihallas l-ammont kollu nkluz sehem il-kunsill mid-danni illi gew moghtija mill-Qorti u dan ai termini ta' l-istess klawsola 21. Il-Qorti, izda ma tikkondividix dan l-argument ghax mibni fuq interpretazzjoni zbaljata ghall-ahhar. Klawsola 21 tipprevedi sitwazzjoni fejn il-kunsill ikun kostrett ihallas ghall-hsara jew jidhol f'xi spiza li tkun tirrizulta illi giet ikkagunata minn nuqqas tal-kuntrattur. F'kaz bhal dak, fejn ir-responsabbilita' tal-hsara tkun tal-kuntrattur, allura dan irid jindennizza lill-Kunsill ghall-ispiza illi dan jaghmel tort tieghu. Fil-kaz in ezami izda ma hux hekk ghax il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat dak deciz mill-Qorti tal-Prim Istanza li sabet liz-zewg partijiet hatja ndaqs jigifieri kull parti kellha responsabbilita' indipendentement mill-ohra u ghalhekk kull parti trid thallas sehemha mid-danni. Fis-sentenza gia citata l-Qorti ientifikat ir-responsabbilita' tal-Kunsill bhala wahda ta' supervizjoni jigifieri li jara illi l-kuntratt jigi esegwit minghajr ma jinholoq perikolu u mill-banda l-ohra qalet illi r-responsabbilita tal-kuntrattur kienet tikkonsisti f' li jaghmel ix-xoghol u jara illi ma jkunx hemm perikolu. Dawn iz-zewg tipi ta' responsabbilita' huma distinti minn xulxin ghax ir-responsabbilita' tal-Kunsill attur hija ta' natura regolatorja filwaqt li r-responsabbilita tal-kuntrattur hija ta' fornitur ta' servizz. Minn dan isegwi li gia la darba l-Kunsill hallas id-danni kollha hu, il-Kuntrattur irid ihallas sehemu biss minnhom.

Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti ma hix ser taghmel analizi tar-responsabbilitajiet ta' kull parti fil-kuntratt ghax dan l-ezami diga' sar mill-Qorti fil-kawza stitwita mill-konugi Grech kontra l-partijiet fil-kawza odjerna u nfatti r-responsabbilita' ta' kull wahda minnhom giet ikkonfermata fl-istadju ta' l-Appell fejn gie ritenut[14]:

**"Din il-Qorti taqbel ma' l–ewwel Qorti li f'dan il-kaz, ghalkemm ix-xoghol attwalment sar mill-kuntrattur, il-Kunsill Lokali xorta kien baqghalu l-obbligu li jara li l-kuntratt jigi esegwit minghajr ma jinholoq perikolu ghall-pubbliku, u li jekk jirrizultalu li hemm xi nuqqas kellu jiehu dawk il-mizuri biex jirrimedja s-sitwazzjoni.... Fil-kaz in ezami l-Kunsill Lokali kien jaf li x-xoghol ma kienx ghadu kompletat, ghalkemm kienu haddew diversi gimghat....... Il-Kunsill ghalhekk hu responsabbli wkoll ghall-akkadut billi messu ssorvelja**

[14] George u Miriam konjugi Grech vs Direttur tat-Toroq et, Appell Civili, deciza 26 ta' Gunju, 2009, kopja esebita a fol. 44 tal-process

**aktar meta kien evidenti li t-triq kienet ghadha qed tintuza mill-pubbliku ghalkemm ix-xoghol ma kienx ghadu kompletat u bil-perikolu li dan igib mieghu."**

L-istess Qorti ta' l-Appell qalet hekk fuq ir-responsabbilita' tal-Kuntrattur[15], illum konvenut :

"**Din il-Qorti ftit li xejn ghandha x'izzid ma' dak li qalet l-ewwel Qorti u l-espert minnha nominat dwar il-htija ta' din l-appellanti. Ix-xoghol thalla nkompletat ghall-ghadd ta' gimghat; ghalhekk it-traskuragni tas-socjeta ma kienitx wahda momentarja u r-residenti tat-triq jew min kellu garaxx baqa' juza din it-triq. Kien perikoluz li l-appellanti thalli t-tappieri bix-xifer mikxuf 'il fuq xi tliet pulzieri mill-livell tat-triq wara li dina tqaxxret u li dawn it-tappieri jithallew minghajr sinjal.....**

**Din il-Qorti regghet ezaminat il-provi u x-xhieda li gew prodotti f'dan ir-rigward u taqbel mal-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita' ta' Gatt Asphalting Limited**".

Rigward it-tqassim ta' responsabbilita' l-Qorti ta' l-ewwel istanza kienet ikkonkludiet illi :

"**Ghaldaqstant tikkonkludi dwar ir-responsabbilita' billi ssib liz-zewg konvenuti "Gatt Asphalting Limited" u l-Kunsill Lokali ta' Victoria, hatja ndaqs ghall-akkadut**"

Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat dan billi waslet sabiex " **Tikkundanna lill-istess appellanti jhallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi in solidum bejniethom**".

Dan ma jfisser xejn ghajr illi fl-istadju ta' l-Appell kien ikkonfermat illi l-htija ta' l-akkadut kien taz-zewg partijiet indaqs. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi l-kuntratt illi ghalih jaghmlu referenza ampja l-partijiet kien parti mill-atti fil-kawza ghad-danni u din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju illi sar ezami akkurat tieghu mill-Qorti illi fl-ahhar mill-ahhar ikkonkludiet illi r-responsabblita' hija *in solidum*. Huwa ghal kollox inutili li f'din il-kawza ghalhekk il-partijiet jittentaw iqajjmu argumenti illi jolqtu r-responsabbilita' taghhom taht l-istess kuntratt u dana ghax il-materja llum ghaddiet in gudikat.

---

[15] Pag.25 tas-sentenza

Irid jinghad ukoll illi l-accertament tan-ness ta' kawzalita' gie nvestigat mill-Qorti adita mill-mertu. Il-Qorti, Prim Awla ghamlet il-valutazzjonijiet taghha ta' l-elementi kollha tal-fattispeci u sabet illi n-ness kawzali fil-produzzjoni ta' l-event tad-dannu subit minn Grech kien attribwibbli lill-kondotta taz-zewg partijiet fil-kawza. Din il-konkluzzjoni kienet ikkonfermata fl-Appell.

Barra minn hekk il-Qorti ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni tal-klawsola 23 tal-kuntratt moghtija mill-Kunsill attur cioe' li in forza ta' din il-klawsola kuntrattur intrabat li jaghmel tajjeb ghad-danni illi ghalihom instab responsabbli l-Kunsill attur billi dik il-klawsola bhal klawsola 21 torbot lill-Kuntrattur safejn twassal ir-responsabbilita' tieghu biss u mhux oltre dan. In fatti l-Artikolu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.

Il-Kuntrattur da parti tieghu jirribatti l-argumenti sollevati mill-Kunsill attur billi jargumenta li huwa wettaq xoghljiet aktar minn dak illi attwalment kien identifikat fil-kuntratt. Dawn ix-xoghlijiet hekk imsejha "extra" thallsu izda ma kienx hemm tibdil fil-kuntratt originali u ghalhekk il-klawsoli tal-kuntratt ma japplikawx safejn ghadhom x'jaqsmu dawn ix-xoghljiet zejda. Il-Qorti izda tirreferi ghal dak illi diga' ntqal aktar 'il fuq u ttenni li l-kuntratt ma fih ebda klawsola li permezz taghha l-Kunsill attur assenja xi dritt jew obbligazzjoni lill-kuntrattur. Kull parti kellha ggorr il-pizijiet tar-responsabiltajiet taghha u dak kollu illi jirrizulta mit-twettiq jew nuqqas tieghu.

Matul il-prosegwiment tal-kawza tqajjmu diversi argumenti mill-partijiet liema argumenti jistiednu lil din il-Qorti sabiex tevalwa r-responsabilitajiet tal-partijiet individwali fil-konfront ta' l-incident. Il-Qorti izda ma hix ser tilqa' din l-istedina ghax il-mertu rigward ir-responsabbilita' llum ghadda in gudikat.

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tqis it-talbiet tal-Kunsill attur wahda wahda. Rigward l-ewwel talba li kienet talba sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh jew kif ahjar maghrufa, giljottina, mill-atti jirrizulta illi din it-talba giet trattata fis-seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012[16] u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

[16] A fol.95 tal-process

Rigward it-tieni talba u-tielet talbiet li permezz taghhom il-Kunsill attur qed jitlob lill-Qorti tiddikjara lis-socjeta′ konvenuta ghandha tindennizza lill-Kunsill attur fis-somma ta′ dsatax–il elf erba′ mija u hdax–il ewro u disgha u hamsin centezmu (€19,411.59) flimkien ma′ l-imghax u ghalhekk l-istess socjeta′ konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont hekk mitlub, il-Qorti fid-dawl ta′ dak gia deciz u li llum jirrizulta *res judicata* u cioe′ illi l-partijiet fil-kawza gew dikjarati responsabbli ndaqs mill-Qorti ta′ l-Appell, tqis li s-socjeta′ konvenuta ghandha thallas sehemha mid-danni likwidati liema danni izda ma jammontawx ghas-somma pretiza mill-Kunsill attur. L-ammont illi gie ddepozitat gudizzjarjament mill-fondi tal-Kunsill attur fil-Bank of Valletta in segwitu tal-hrug tal-mandat ta′ sekwestru kien ta′ tlettax–il elf, sitt mija hamsa u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€13,665.85). Jirrizulta wkoll mill-att tal-mandat innifsu illi dan l-ammont jirrapprezenta s-sorte kif ukoll it-taxxa dovuta[17]. Il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta′ konvenuta ghandha thallas nofs dan l–ammont *dunque′* is-somma ta′ sitt elef, tmien mija tnejn u tletin ewro u tnejn u disghin (€6,832.92).

Irid jinghad illi l-obbligu tas-socjeta′ konvenuta li thallas sehemha mid-danni twieled malli nghatat is-sentenza mill-Qorti ta′ l-Appell. Konsegwentement il-Kunsill Lokali hallas is-somma kollha u ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi l-imghax dovuta ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ammont gie zbankat minn George Grech.

**DECIDE.**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija l-Qorti:

1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta′ l-ewwel talba stante illi ezawrita;

2) Tiddikjara li s-socjeta′ konvenuta ghandha tindenizza lill-Kunsill Lokali ta′ Victoria s-somma ta′ sitt elef tmien mija tnejn u tletin ewro u tnejn u disghin centezmu (€6,832.92), flimkien ma′ l-imghax ta 8% mid-data meta sar l-izbank;

[17] A fol 72 u 73 tal-process

3) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Gatt Asphalting Limited sabiex thallas lil-Kunsill Lokali Victoria s-somma ta' sitt elef tmien mija tnejn u tletin ewro u tnejn u disghin centezmu (€6,832.92), flimkien ma' l-imghax ta' 8% mid-data meta sar l-izbank.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu nofs mill-Kunsill Lokali Victoria u n-nofs l-iehor minn Gatt Asphalting Limited.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur